ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# **Minuti tas-47 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's**

Is-47 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa, 30 t'Ottubru, 2013.

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba.

Fl-assenza taċ-*Chairperson*, is-Sur Norman Clews Viċi-*Chairperson* ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu l-Viċi *Chairperson* is-Sur Norman Clews u l-membri s-Sinjuri Simon Vella u Mario Bartolo.

Iċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista u s-Sur Luciano Farrugia kienu skużati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-46 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Bartolo tkellem dwar il-laqgħa li l-Kumitat kellhu mal-M.E.P.A dwar il-pjan lokali għaż-żona ta' St Peter's. Kopja tal-minuti ta' din il-laqgħa ingħataw lil kull membru tal-Kumitat.

Dwar il-bankini li ser isiru fi Triq San Leonardu is-Sur Bartolo qal li kien ser jara li x-xogħol f'din it-triq jitlesta f'qasir żmien.

Item 4 – Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat bil-kontenut ta' ittra li kiteb lis-Sur Joe Magro Conti li minn naħa tiegħu talab bil-miktub lill-Kumitat jindika l-post eżatt fejn tinsab il-ġiebja fi Triq Dun Salv Sciberras ma Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Sur Bartolo qal li kien ser jibgħat lill-M.E.P.A *site plan* b'indikazzjoni tal-post fejn hemm din il-ġiebja.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat Amministrattiv illi ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista naqset milli tattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat li saru fi żmien sitt xhur bejn il-perjodu 11 t'April – 2 t'Ottubru 2013. Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Vella, il-Kumitat qabel unanimament li l-assenza tas-Sinjura Debattista kienet għal raġuni ġustifikata u għalhekk il-Kumitat għandu jitlob lis-Segretarju Parlamentari biex il-post tas-Sinjura Debattista ma jiġix iddikjarat vakanti.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kumitat illi s-Sur Mario Bartolo ukoll naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kumitat li saru fi żmien sitt xhur bejn il-perjodu 11 t'April – 2 t'Ottubru 2013. Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Vella, il-Kumitat qabel unanimament li l-assenza tas-Sur Bartolo kienet għal raġuni ġustifikata u għalhekk il-Kumitat għandu jitlob lis-Segretarju Parlamentari biex il-post tas-Sur Bartolo ma jiġix iddikjarat vakanti.

<u>Item 5 – Xogħol tal-Kumitat</u>

<u>Item 6 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Bartolo talab li jitneħħa ħaxix li hemm f'parti minn Triq Dun Salv Sciberras partikolarment bejn id-djar numri 19 u 21. Is-Sur Clews talab li jitneħħa wkoll ħaxix li hemm mal-bankina fi Triq San Leonardu.

Is-Sur Bartolo semma lment li kien tressaq mis-Sur Andrew Scicluna dwar il-ħtieġa li titnaddaf miżbla li hemm fi Triq Dun Salv Sciberras ma Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Sur Simon Vella qal li l-ħajt madwar plot mitluq li hemm fi Triq Patri Feliċjan Grech issa ittella. Is-Sur Vella qal li madankollu fi plot ieħor li hemm fil-kantuniera tat-triq qiegħdin jintefgħu l-boroż tal-iskart.

Is-Sur Bartolo qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien tkellem mal-uffiċjali tas-Sanita` dwar dan il-plot u qiegħed jistenna li tittieħed azzjoni dwar l-ilment li ġie mressaq lis-Sanita`.

Is-Sur Bartolo qal li fi Triq Dun Salv Sciberras kienet ser issir xi *manhole* u jkun tajjeb jekk il-Kumitat jitlob lill-Transport Malta biex ix-xogħol f'din it-triq isir fi Triq Dun Salv Sciberras kollha u mhux f'parti minnha biss.

Is-Sur Mario Bartolo talab li jitwaħħlu *cats eyes* fi Triq il-Marżebb kif ukoll li tinbidel injama tal-ġenb ta' mal-*bus shelter* u minflok isir *perspex* biex il-pubbliku li jkun bilqiegħda fil-*bus shelter* ikun jista jara.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-48 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 27 ta' Novembru, 2013.

Norman Clews
Viċi-*Chairperson*